MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Numru. 467/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**

**vs**

**Nadia Boudina bint Abduwahed u Elmunia xebba Skewi mwielda Fes, Marokk fl-01 ta' Jannar 1983 u toqghod 98, Triq Frangisk Camilleri, Xaghra, Ghawdex u detentrici tal-karta ta'l-identita' Marokk bin-numru BK 330848 u Passaport Marokkin bin-numru R740057.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Nadia Boudina akkuzata talli fi Frar 2006 bil-hsieb li taghmel delitt, u cioe' li tikkuntratta zwieg meta l-iskop uniku fl-

ikuntrattar taz-zwieg kien li tinkiseb cittadinanza Maltija, jew l-liberta' ta' moviment f'Malta  jew permess biex tahdem jew biex tirrisjedi f'Malta, jew id-dritt li tidhol f'Malta jew id-dritt li tikseb kura medika f'Malta, uriet dan il-hsieb, b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghha.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghet il-provi.

Rat l-Artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali tas-6 ta' Frar 2008.

Semghet illi l-imputata ma kellhiex oggezzjoni sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputata Nadia Boudina tinsab akkuzata bit-tentattiv li taghmel 'l hekk imsejjah zwieg ta' konvenjenza. Il-Prosekuzzjoni allegat illi l-imputata ippruvat tikkuntrattat zwieg ma' persuna ta' nazzjonalita' Maltija bl-iskop uniku li tkun tista' tibqa' Malta u eventwalment issir cittadina Maltija.  Jirrizulta mill-atti processwali illi Nadia Boudina hija ta' nazzjonalita' Marrokkina. Hija xtaqet tigi Malta sabiex tibni familja hawnhekk. Fil-fatt permezz ta' habiba taghha bl-isem ta' Hadisha hija giet Malta sabiex tiltaqa' ma' certu Michael Angelo Scerri li huwa Ghawdxi. Hija ltaqghet mieghu bl-iskop li tizzewwgu u meta wasslet Malta hija bdiet tirrisjedi mieghu f'appartament gewwa Ghawdex. Gara madanakollu illi dana Scerri kien ikbar mill-imputata fl-eta' u ghalhekk hija wriet ix-xewqa ma' habiba Marokkina ohra taghha bl-isem ta' Wafa', illi issib guvni tampara fl-eta'. Wafa' f'dak iz-zmien kellha relazzjoni ma' certu Paul Attard li permezz ta' kuntistabbli tal-pulizija certu Alex Mallia, irnexxielu ilaqqa' lill-imputata ma' certu Darren Cross li kien izghar fl-eta minn Scerri. Dana gara ad insaputa ta' Michael Angelo Scerri. L-imputata iltaqghet ma' dana Darren Cross l-ewwel darba

il-Belt Valletta gewwa kafetterija. Wara dina l-okkazzjoni hija regghet iltaqghet mieghu xi drabi ohra u iddecidew li jizzewwgu. Fil-fatt huma marru gewwa r-Registru Pubbliku, il-Belt sabiex jistaqsu x'kien hemm bzonn sabiex jaghmlu dana. Hemmhekk gie indikat lilhom li kien hemm bzonn ta' xi dokumenti fosthom karti ta'l-identita', passaport ta'l-impuata, certifikati tat-twelid u il-kunsens minn missier l-imputata sabiex hija tkun tista' tizzewweg. Jidher illi dana l-ahhar rekwizit huwa necessarju bil-ligi tal-Marokk sabiex iz-zwieg ikun wiehed validu. Jidher illi dawna id-dokumenti gew pprezentati lid-Dipartiment, izda l-ufficjali fir-Registru taz-Zwigijiet gihom suspett illi dana seta' kien xi zwieg ta' konvenjenza u ghalhekk huma iddecidew li jissottoponu lill-koppja ghal kwestjonarju. Dana il-kwstjonarju sar minn Richard Scotto u Marisa Hewer u l-imputata u Cross gew interrogati separatament. Gara illi mit-twegibiet ghal dana l-kwestjonarju harrgu diversi diskrepanzi u dana bejn it-twegibiet moghtiija mill-imputata u dawk moghtija minn Cross[1], tant illi fost affarijiet ohra l-imputata lanqas kienet taf x'jismu Cross u inoltre lanqas qablu bejniethom ghar-rigward tar-risposta moghtija minnhom ghal mistoqsija rigward fejn iltaqghu. L-ufficjali tar-Registru ghalhekk iddecidew illi qabel xejn huma kellhom jiehdu parir mill-Avukat Generali jekk kellhomx jaccettaw l-applikazzjoni ta'l-imputat u Cross sabiex jizzewwgu. L-applikazzjoni ghaz-zwieg ghalhekk ma saritx. Jidher illi wara dana Darren Cross cempel xi darbtejn sabiex jara kienx hemm xi risposta, izda huwa kull darba gie infurmat illi ma kien hemm l-ebda risposta. Gara illi l-Avukat Generali permezz ta'l-avukata Roma D'Alessandro tghat parir lir-Registratur taz-Zwigijiet sabiex jekk il-koppja tmur sabiex tapplika, huma jaccettaw l-applikazzjoni izda wara johorgu avviz ta' rifjut u cioe' refusal. Madanakollu dana qatt ma sehh ghaliex il-koppja qatt ma marret ghand ir-Registratur taz-Zwigijiet sabiex tressaq l-applikazzjoni taghha sabiex jizzewwgu. Fil-fatt jirrizulta illi l-imputata izzewwget lil Michael Angelo Scerri u ghalhekk jidher illi hija abbandunat ghal kollox l-intenzjoni li tizzewweg lil dana Darren Cross.

[1] Ara Dokumenti esebieti a fol.24 u 25

Illi min-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali tas-6 ta’ Frar 2008, jidher illi gie indikat li tista’ tinstab htija fil-konfront ta’l-imputata abbazi ta’l-artikoli 41(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li jitkellem dwar it-Tentattiv ta’ Reat u l-artikolu 38 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta li jitkellem dwar iz-zwieg ta’ konvenjenza.

Dwar it-Tentattiv.

Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta’ reat fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi: **“Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b’atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi.”**

Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe’:

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2. Bidu ta’l-esekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta’esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta’l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi irid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b’tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

***"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation."***

Madanakollu kif ikompli ighid il-Professur Mamo, huwa difficli sabiex wiehed jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn dak li jikkostitwixxi atti preparatorji biss u dawk l-azzjonijiet li jistghu imbaghad jigu ikklasifikati bhala l-bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt. X'distinzjoni hemm bejn il-preparazzjoni sabiex wiehed jikkometti id-delitt u it-tentattiv ta'l-istess?

Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta' dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:

**"So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral parrt of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."**

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Godfrey Ciangura deciza fl-10 ta' Gunju 2002 jinghad:

"Fuq id-distinzjoni bejn atti preparatorji u atti li jammontaw ghal bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt inkitbu volumi shah; u hafna huma wkoll dawk it-teoriji li gew proposti biex jghinu lill-gudikant jasal biex jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi. … Fil-fatt, pero', il-qrati taghna, qatt ma intrabtu ma' xi teorija wahda partikolari, u dan peress li kull teorija tista' tghid li ghandha id-difetti taghha. U fir-realta' il-linja ta' demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi wiehed jista' aktar isibha billi japplika l-buon sens fl-analizi tal-fatti li jkunu rrisultaw fl-isfond tar-reat partikolari li tieghu ikun qed jigi allegat li kien hemm tentattiv milli billi jintrabat ma' xi teorija partikolari. Din il-linja ta' pratticita' giet proposta, fost ohrajn, mill-gurista Petrocelli. Fi kliem Antolisei:

***Con molta dottrina e con mirabile chiarezza l-insigne penalista ha sostenuto che l'atto esecuttivo si ha quando il mezzo o, meglio, l'energia destinata a produrre l'offesa inerente al reato, e' messa in opera secondo la sua natura o destinazione. Il giudice, col sussidio delle'esperienza, deve trarre l'idea e i caratteri dell'azione che e' "propria" di cisacun delitto della relattiva fattispecie e, quindi cogliere il momento dinamico che dell'azione stessa esprime l'inizio e pone in essere l'atto esecutivo.***'

Illi l-ahhar element legali li isawwar it-tentattiv huwa n-nuqqas ta' esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati. Illi ghalhekk irid ikun hemm xi azzjoni indipendenti li b'xi mod tisfratta dina l-intenzjoni tad-delinkwent biex b'hekk ir-reat ma jigix ikkunsmat.

Illi fil-kaz in dizamina l-imputata tinsab akkuzata illi hija ghamlet tentattiv sabiex tikometti r-reat taz-Zwieg ta' Konvenjenza kif dispost fl-artikolu 38 ta'l-Att dwar iz-Zwieg u cioe' il-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi illi

tali reat jigi kommess meta l-uniku skop tal-persuna li tikkuntratta z-zwieg ikun sabiex jikseb ic-cittadinanza Maltija, jew il-liberta' ta' moviment f'Malta, jew permess biex jahdem jew jirrisjedi f'Malta jew id-dritt li jidhol f'Malta jew id-dritt li jikseb kura medika f'Malta.

Illi mill-atti processwali jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-imputata wriet l-intenzjoni li tizzewweg lil Darren Cross. Kien car mill-kwestjonarrju li sar mill-ufficjali tar-registru taz-Zwigijiet, illi l-imputata u Darren Cross qajla kienu jafu lil xulxin, hlief li iltaqghu ghal xi ftit okkazzjonijiet u anke kif tammetti l-imputata stess fl-istqarrija taghha kellhom anke x'jaqsmu sesswalment flimkien. Huwa car ghalhekk illi l-koppja ma kellhiex il-preparazzjoni necessarja sabiex tikkontratta zwieg. Izda, il-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-intenzjoni ta'l-imputata sabiex tikkontratta dana iz-zwieg kien proprju sabiex hija tikseb ic-citaddinanza Maltija jew sabiex tikseb il-permess biex tibqa tiirsjedi u tahdem f'Malta?

Illi la l-imputata u lanqas Darren Cross ma xehdu f'dawn il-proceduri. Illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputata[2] irrizulta illi hija giet Malta bl-intenzjoni illi tistabilixxi ruhha f'dina il-gzira u sabiex hija tibni familja ma' ragel Malti. Fil-fatt hija kienet diga qed thejji ruhha sabiex tizzewweg lil Michelangelo Scerri, kif fil-fatt eventwalment ghamlet, izda peress illi hija bdiet tarah ikbar minnha fl-eta' u xtaqet tizzewweg wiehed tamparha ghalhekk tallbet lil habiba taghha tghinha issib guvni u dana ad insaputa ta' Michalengelo Scerri. Hija tichad kategorikament illi ghamlet dana b'xi skop ulterjuri anzi tibqa' issostni illi hija kienet migbuda kemm lejn Michelangelo Scerri kif ukoll lejn dana Darren Cross. Il-Prosekuzzjoni ma ressqitx l-icken prova dwar l-istatus ta'l-imputata f'Malta – jekk hija kellhiex permessi validi sabiex tibqa' Malta o meno. Lanqas ma hemm xi prova fl-atti li jindikaw illi l-imputata steghet hallset xi flus lil Cross sabiex jizzewwigha. Fuq kollox hija kienet diga qed tippjana sabiex tizzewweg lil Michelangelo Scerri u ghalhekk certament ma kellhiex

[2] Ara Dokument RA1 a fol-72 et.seq.

bzonn tirranga ma' ragel iehor li kieku l-uniku skop taghha li tikkuntratta dana iz-zwieg kien sabiex hija tikseb il-permessi necassarji biex tibqa' Malta! Li kieku din kienet l-uniku intenzjoni taghha, hija kienet tabqad u tizzewweg lil Scerri u l-ghan taghha kien jintlahaq. Fil-fatt ma jidhirx illi ir-Registratur taz-Zwigijiet kellu l-istess suspetti meta l-imputata applikat sabiex tizzewweg lil Scerri kif fil-fatt eventwalment ghamlet, iktar u iktar meta wiehed iqies illi ftit taz-zmien qabel l-imputata kienet ser tizzewweg lil Cross minn wara dahar Scerri! Il-Qorti fil-fatt tqies illi kienet kemmxejn stramba kif wara dana il-kaz, ir-Registratur taz-Zwigijiet accetta applikazzjoni mill-imputata sabiex tizzewweg ragel iehor. Madanakollu hija fil-fatt izzewwegt lil dana Scerri u dana bil-bendizzjoni tar-Registratur taz-Zwigijiet li issa ghal dina it-tieni applikazzjoni li saret biss ftit taz-zmien wara ma dehrlux illi l-imputata kienet ghadha bl-istess intenzjoni u cioe' li tizzewweg biss ghal konvenjenza ai termini ta'l-artikolu 38. Illi ghalhekk ghalkemm ma hemmx dubbju illi l-imputata ma kenitx ippreparata sabiex tizzewweg lil Darren Cross madanakollu ma giex ippruvat mill-prosekuzzjoni fil-grad rikjest fil-kamp penali illi l-uniku skop 'il ghala riedet tizzewweg lil Cross kien xi wiehed jew aktar minn dawk elenkati fl-artikolu 38 tal-Kapitolu 255.

Illi anke jekk ghal grazzja ta'l-argument il-Qorti kellha taccetta illi dina kienet proprju l-intenzjoni ta'l-imputata xortawahda hija ma tista' qatt tinstab hatja ta' tentattiv kif previst fl-artikolu 41(a) tal-Kapitolu 9 u dana ghas-segwenti ragunijiet:

Illi l-atti maghmula mill-imputat kienu is-segwenti:

1. L-imputata flimkien ma' certu Darren Cross marret fir-Registru taz-Zwigijiet sabiex tara x'kellha bzonn taghmel sabiex tikkontratta zwieg ma' dana Cross.
2. Fit-tieni okkazzjoni hija hadet id-dokumenti necessarji u regghet marret hemmhekk sabiex tapplika halli tizzewweg. F'dina l-okkazzjoni saret l-interrogazzjoni jew kwestjonarju mill-ufficjali fir-registru taz-zwigijiet u dana fuq suspett illi kellhom li dana seta' kien zwieg ta' konvenjenza. L-applikazzjoni ghalhekk f'dana l-istadju ma

saritx. Dawna l-ufficjali irreferew il-kaz ghand l-Avukat Generali ghal parir u dana qabel ma jaccettaw l-applikazzjoni ta'l-imputata u Cross.

3. It-twegiba ta'l-Avukat Generali kienet fis-sens illi l-ufficjali tar-registru kellhom jaccettaw l-applikazzjoni li tkun saret min-naha ta'l-imputata u Cross, u sussegwentewment johorgu "refusal".

4. Madanakollu la l-imputata u lanqas Cross ma regghu marru fir-Registru taz-Zwigijiet sabiex japplikaw u ghalhekk dak li gie suggerit li isir min-naha ta'l-Avukat Generali qatt ma sehh.

Illi ghalhekk minn dana kollu jista' jirrizulta illi kien hemm l-hekk imsejjha atti preparatorji u dana fil-mument illi l-imputata flimkien ma' Cross marru gewwa ir-registru taz-Zwigijiet sabiex japplikaw biex jizzewwgu. L-applikazzjoni izda ma saritx u l-imputata u Cross gew mitluba jerrghu ikellmu lid-Dipartiment wara li dawn ta'l-ahhar jiksbu parir minn ghand l-Avukat Generali. Illi il-parir fil-fatt kien illi l-imputata u Cross ghandhom jithallew jipprezentaw l-applikazzjoni, li wara kellha tigi rifjutata. Il-parir kien wiehed car u cioe' illi l-applikazzjoni kellha tigi ipprezentata mill-imputata u Cross sabiex ghalhekk hawn ikun hawn il-bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt. Imbaghad l-applikazzjoni kellha tigi rifjutata sabiex ghalhekk jitwettaq l-ahhar element legali mehtieg sabiex jitwettaq dana ir-reat ta' tentattiv u cioe' illi ikun hemm in-nuqqas ta' esekuzzjoni tad-delitt minhabba xi haga indipendenti mill-volonta tad-delinkwent. F'dana il-kaz irrizulta illi l-imputata u Darren Cross qatt ma regghu marru ghand ir-Registratur taz-Zwigijiet sabiex japplikaw u ghalhekk sabiex jaghtu bidu ghall-esekuzzjoni ta' dana id-delitt[3]! Fil-fatt huma minn jeddhom abbandunaw dina l-intenzjoni. Ghalhekk lanqas l-elementi legali mehtiega ghat-tentattiv ta' kummissjoni ta' reat ma jirrizultaw mill-atti processwali.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti qed tillibera lill-imputata mill-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

---

[3] Ara xhied ta' Marisa Hewer a fol.59

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------